MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2006

Numru 5744/2006

**Il-Pulizja**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Antonio sive Anthony Abdilla u**
**Dorianne Abdilla**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat mill-Avukat Generali l-bierah 9 ta’ Marzu 2006 li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-7 ta’ Marzu 2006 li permezz tieghu l-intimati Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla nghataw il-helsien mill-arrest taht certi kundizzjonijiet;

Rat ir-risposta tal-imputati intimati ghall-imsemi rikors, presentata llum;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja, limitatament ghall-fini tat-talba maghmula mill-Avukat Generali (cioè talba taht l-Artikolu 574A(9) tal-Kap. 9);

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur tal-Pulizija Jeffrey Cilia;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz relattivi ghat-talba odjerna; ikkunsidrat:

Ir-reati li bihom l-imputati intimati huma akkuzati (fil-kaz ta' Dorianne Abdilla fil-kwalità taghha ta' komplici), huma reati ta' certa serjetà, u certament il-kundizzjoni imposta mill-ewwel Qorti ta' garanzija personali, ghalkemm f'ammont kbir hafna, ma hix, fil-fehma ta' din il-Qorti, kundizzjoni li serjament tiggarantixxi sia d-dehra tal-imputati ghall-procediment penali, kif ukoll li l-istess imputati ma jintralcjawx altrimenti r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja fir-rigward tal-kaz kontrihom. Din il-Qorti tikkonfessa li ma tistax tifhem x'inhu l-iskop ta' tali garanziji personali f'somom hekk esagerati, meta fl-ewwel lok il-ligi stess tpoggi tali garanzija "personali" bhala fit-tielet livell ta' idoneità – cioè wara l-obbligazzjoni tat-terz idoneu u wara d-depozitu tas-somma jew rahan ekwivalenti – u fit-tieni lok meta l-fatt li dak li jkun ikun obbliga ruhhu personalment, minghajr xi haga immedjatament tangibbli li jista' jitlef, ftit li xejn, fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' sservi ta' fren fuq dak li jkun. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, meta ghadhom ma nstemghux il-provi tal-prosekuzzjoni, u minkejja l-forma ta' helsien mill-arrest komunement imsejjah "house arrest", bhalma gie impost mill-ewwel Qorti f'dan il-kaz, hemm il-perikolu ta' intralc da parti tal-imputati intimati mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja specjalment bil-forma indikata fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali – subartikolu li, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-abbili difensur tal-intimati, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni

mill-Qrati anke meta r-reat imputat ma jkunx dak ta' delitt kontra s-sigurtà tal-Gvern jew delitt suggett ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. F'dawn ic-cirkustanzi, ghalhekk, hemm lok li t-talba ta' l-Avukat Generali tigi akkolta.

Ghall-motivi premessi, tilqa' t-talba ta' l-Avukat Generali, u filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-7 ta' Marzu 2006, tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tal-intimati Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------